# Werrej


| | |
|---|---|
| 1. Nirrevedu l-ewwel sitt forom tal-Verbi | 6 |
| 2. Il-Verbi tas-seba' u t-tmien forma | 16 |
| 3. Il-Verbi tad-disa' u l-għaxar forma | 29 |
| 4. Il-Parteċipju Attiv | 40 |
| 5. Il-Parteċipju Passiv | 49 |
| 6. Il-Pronomi Diretti u Indiretti | 60 |
| 7. Reviżjoni | 71 |

# Qabel tibda taħdem ... ftit informazzjoni fuq il-ktieb.

Dan il-ktieb huwa ktieb prattiku u sempliċi b'eżerċizzji differenti tal-grammatika. Uħud minnhom huma ħfief u wħud jirrikjedu ftit iktar ħsieb. L-ewwel sitt taqsimiet jittrattaw punti grammatikali differenti filwaqt li l-aħħar taqsima hija ddedikata għar-reviżjoni. Il-punti grammatikali huma dawn li ġejjin:

- Il-Verb tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames u s-sitt forma
- Il-Verb tas-seba' u t-tmien forma
- Il-Verb tad-disa' u l-għaxar forma
- Il-Parteċipju Attiv
- Il-Parteċipju Passiv
- Il-Pronomi Diretti u Indiretti

L-ispjegazzjoni ta' kull punt grammatikali tista' ssibha fil-ktieb **4.mt** u tista' wkoll taraha fil-kuntest jew aħjar fl-istejjer li jkun hemm fl-istess taqsima. Dan il-ktieb għandu jgħinek fit-taħriġ grammatikali li huwa komponent importanti f'kull lingwa.

Fost l-eżerċizzji li se tiltaqa' magħhom f'dan il-ktieb hemm:

- Imla l-vojt
- Agħżel il-kelma t-tajba
- Fittex u sib
- Aqra u mmarka t-tajba
- Aħseb u ikteb
- Ikkonjuga l-Verbi
- Logħob marbut ma' punti grammatikali differenti

It-tweġibiet tista' tiktibhom fuq il-ktieb stess jew inkella fuq il-karti tal-portfoljo tal-Malti. Tista' tweġibhom waħdek jew ma' sħabek. Tista' titlob l-għajnuna tal-ġenituri jew tal-għalliema. Tista' tweġibhom kollha jew inkella twieġeb biss ftit minnhom. Dan kollu jiddependi minnek u minn kemm għandek għal qalbek il-grammatika Maltija. Nista' nassigurak li mhuwiex ktieb li se jdejqek. U naħseb li malli tibda taħdem, ma tkunx trid titilqu minn idejk!

**Clare Azzopardi**

# 1. Nirrevedu l-ewwel sitt forom tal-Verbi

**1. Nirrevedu ftit. Aqta' linja taħt it-tajba.**

| | | |
|---|---|---|
| 0. | Verb fil-Perfett | [*<u>bagħat</u>*, noqogħdu, se mmur, tnaddaf, qed nikteb] |
| 1. | Verb fl-Imperfett | [lemaħ, se nqasqas, jiċċelebraw, għodost, xorbot] |
| 2. | Verb fil-Futur | [niżżlu, qbilna, sajru, se nixtri, miexi] |
| 3. | Il-Mamma tal-Verb **waqajt** | [waqaf, waqa', waqgħa, jaqa', twaqqajt] |
| 4. | L-Għerq tal-Verb **daret** | [D-R-T, D-H-R, D-W-R, D-J-R, D-R-J] |
| 5. | Verb Trilitteru | [tkissirna, bandlet, dendilt, ħarbtu, paċpċu] |
| 6. | Verb Kwadrilitteru | [twaqqfu, sellifna, kaxkarna, $^{i}$ssieħbu, tħallsu] |
| 7. | Verb Ewlieni | [bkejt, nitriegħed, tqatlu, $^{i}$ċċappsu, tħammiġna] |
| 8. | Verb Imnissel | [jiswew, bqajna, raqdu, tregħidt, simen] |
| 9. | Verb Trux | [xammejna, farrku, ħarrabna, skitt, qattgħu] |
| 10. | Verb Dgħajjef | [ċħadt, jitħeġġeġ, qajmet, bennint, jordmu] |
| 11. | Verb Xebbiehi | [$^{i}$nħbew, twasslu, $^{i}$ntalab, ksew, damet] |
| 12. | Verb Moħfi | [tħottx, fexfxu, xirfu, jiħmar, soqt] |
| 13. | Verb Nieqes | [qriegħ, qlejna, żergħu, xrobna, spiċċa] |
| 14. | Verb ta' nisel Semitiku | [tmajt, $^{i}$ppubblika, skoprejna, organizzaw, $^{i}$lletikat] |
| 15. | Verb ta' nisel Barrani | [għedtli, jreddnu, nifhimha, jinvestu, tmellislu] |
| 16. | Verb li qiegħed fl-ewwel forma | [xebbgħu, $^{i}$ttieħdet, xegħlitilhom, qattajna, $^{i}$żżewġu] |
| 17. | Verb li qiegħed fit-tieni forma | [qomna, xebbahni, kitbu, raddejna, ordna] |
| 18. | Verb li qiegħed fil-ħames forma | [ħżienu, fdejna, tqabbadt, għadruh, nitgħarrax] |
| 19. | Verb li qiegħed fit-tielet forma | [jaqbillek, nifforma, jirraġunaw, ħietu, qegħidt] |
| 20. | Verb li qiegħed fis-sitt forma | [tħabtet, nirringrazzjaw, tissellfu, xtrajna, $^{i}$ddellku] |

**2. Aqra din l-istorja u minnha islet u niżżel għaxar Verbi Ewlenin u għaxar Verbi Mnisslin.**

**Novella ġdida**

Is-Sur Micallef *qalilna* li se jkun hemm kompetizzjoni nazzjonali għall-aħjar novella għall-istudenti kollha tar-raba' sena. Kull min *jitħajjar* seta' japplika *online* u jibgħat in-novella pdf. Tana l-indirizz tas-sit, sibtu u niżżilt il-formola. Qalbi bdiet tħabbat sitta sitta hekk kif bdejt indaħħal id-dettalji personali għaliex s'issa kont għadni qatt ma qsamt kitbieti ma' ħadd għajr mal-għalliema tal-Malti li dejjem itennu, "Bernard Borg, din minn fejn ikkupjajtha?" jew "Ix-xogħol int trid tagħmlu mhux il-mamà." Kien jiddispjaċini ħafna li ħadd ma kien jemmen li dak xogħli. Nistqarr li għalija l-kitba hija esperjenza li ssaħħarni. Il-fatt li ndomm kelma m'oħra u permezz t'hekk noħloq storja fejn il-karattri immaġinarji jiksbu bixra reali, huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija. Inħoss l-istess ferħ li jħossu sħabi meta jilagħbu logħba futbol u jirbħu. Tarraft lil ommi u lil missieri b'dan kollu u bħal dejjem inkoraġġewni sabiex nikteb in-novella tiegħi u nibgħatha.

Minkejja li fil-kaxxa taż-żraben kbira li fiha kont nerfa' kitbieti, kelli għadd ta' kitbiet, xtaqt li għal din il-kompetizzjoni nikteb novella ġdida u hekk għamilt. Mort passejn sa ħdejn il-baħar mal-kelba tiegħi Nelly. L-ikħal u l-qawwa tal-baħar tawni l-kuraġġ li kelli bżonn; raxx il-baħar kebbes fija l-ideat friski li kont neħtieġ u l-fewġa sabiħa li kien hemm wittietli t-triq sabiex tinħoloq novella ġdida. Mort id-dar u niftakar li dakinhar ma rqadt xejn sakemm lestejt in-novella tiegħi. Ma' sbieħ il-jum, kif irqomtha tal-aħħar, bgħattha. Inħsilt u tlaqt lejn l-iskola. Dakinhar ħassejt ferħ kbir ġewwa fija, għax għal darb'oħra l-kitba kienet qanqlet fija enerġija liema bħalha.

| Verbi Ewlenin | Verbi Mnisslin |
|---|---|
| 0. *qalilna (qal)* | 0. *jitħajjar (tħajjar)* |
| 1. | 1. |
| 2. | 2. |
| 3. | 3. |
| 4. | 4. |
| 5. | 5. |
| 6. | 6. |
| 7. | 7. |
| 8. | 8. |
| 9. | 9. |
| 10. | 10. |